Ottubru 2017 — Ħarġa 303

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Waħda fejn waħda...

Ftit tal-ġimgħat ilu tlesta x-xogħol tal-mużajk bil-misteri tar-Rużarju fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Pinu f'Għawdex. Waħda fejn waħda, dan il-mużajk jirrappreżenta l-ħajja tas-Salvatur tagħna, Ġesu Kristu u ta' Ommu Marija. Aħna l-Maltin inħobbu nżuru dan il-post qaddis kull darba li nitilgħu Għawdex. Għall-grazzja t'Alla f'dan il-post ħafna minna nerġgħu naqbdu l-kuruna tar-Rużarju f'idejna u nitolbu lil Marija tidħol għalina quddiem Binha Ġesù.

**Triq tal-kontemplazzjoni**

Ix-xahar ta' Ottubru huwa stedina sabiex flimkien nagħtu importanza lil din it-talba sabiħa. Fit-talba tar-Rużarju nirriflettu fuq il-ħajja tar-Ragħaj it-Tajjeb mill-konċepiment sal-qawmien u t-tlugħ tiegħu fis-sema. Fiha naħsbu wkoll fuq il-ġrajjiet kbar li għaddiet minnhom Marija.

**Nitgħallmu lil Kristu ma' Marija**

Ġesù huwa l-aqwa Għalliem ta' ħajjitna. L-Ispirtu s-Santu huwa dak li jkellimna u jkompli jgħallimna fil-kuxjenza tagħna dwar Ġesù. Meta nkunu ma' Marija fir-Rużarju, inkunu bħal qisna qegħdin fl-'iskola' tagħha biex minnha nitgħallmu lil Kristu, biex nifhmu aħjar il-messaġġ tiegħu.

**Il-'kuruna'**

Il-kuruna hi l-għodda tradizzjonali biex ngħidu r-Rużarju. L-ewwel ħaġa li għandna ninnotaw hi li ż-żibeġ tal-kuruna jwasslu għall-Kurċifiss, li hu l-bidu u t-tmiem tat-talba nnifisha. L-aħwa, il-ħajja u t-talb għal min jemmen għandhom iċ-ċentru tagħhom fi Kristu, li dejjem jistedinna biex induru lejn Alla b'fiduċja li hu ser jismagħna.

Inħares lejkom ilkoll, għeżież ħuti, u nipproponielkom mill-ġdid it-talba tar-Rużarju. Ħudu f'idejkom il-kuruna tar-Rużarju ħalli flimkien niskopru lil Ġesù mill-ġdid fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan





## Is-Sajf tal-Missjoni, il-Parroċċa u l-Vatikan

**Gylan Camilleri – Seminarista**





***Is-Sajf għadda u se jibqa' memorabbli għalija għall-memorji u t-tifkiriet sbieħ li seħħew u l-frott li ħallew fija dawk il-jiem.***

Esperjenza minnhom kienet dik fil-Parroċċa tagħna stess, fejn fil-jiem li kont preżenti stajt nara l-komunità ta' Marsaskala ssir dejjem iżjed magħquda bil-preżenza ta' Ġesù f'nofsha. Kelli l-grazzja li nkun preżenti meta fostna, flimkien ma' żewġ familji Taljani, kellna l-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu.

Irrid insemmi wkoll l-esperjenza mill-isbaħ li kelli ġewwa l-Belt tal-Vatikan. Jien u abbati mill-Parroċċa tagħna stess, Stephen Barbara, tajna s-servizz tagħna fil-Bażilika ta' San Pietru. Hemmhekk kellna l-wkoll il-grazzja kbira li niltaqgħu mal-Qdusija tiegħu l-Papa Franġisku.

Dawn kienu żewġ esperjenzi fejn, flimkien mal-esperjenza tal-missjoni ġewwa l-Kosovo wkoll, stajt nara dejjem iżjed l-Imħabba ta' Alla permezz tan-nies u fin-nies ta' madwari.



## Riflessjoni: "Forsi"

**Jean Claude Attard – Seminarista**



Forsi ċ-ċertezzi l-kbar u storbjużi
tagħna, ta' bnedmin li aħna, jistgħu
ixekkluna milli nagħrfu dak li verament
hu kbir: il-Misteru, moħbi u kwiet, li jkellimna
bl-iżgħar affarijiet li mhux bilfors nindunaw bihom.

Is-sempliċità u l-moderazzjoni m'għadhomx daqshekk popolari,
iżda forsi ta' min niftakru li Alla xorta għad jista' jkellimna bihom.

Nel mese di Agosto la copia autentica della Sacra Sindone e' stata esposta a Marsascala. Noi famiglie numerose della Comunità Abramo, abbiamo avuto la grazia di partecipare a questo progetto di evangelizzazione, vivendo ospitati nella stessa parrocchia.



Per noi genitori e' stato molto prezioso ogni momento di condivisione che abbiamo avuto con altre famiglie: nella chiesa, camminando sulle strade, nelle case, agli incontri... I nostri cuori oggi traboccano di gioia per le grazie che abbiamo visto e abbiamo sperimentato in queste settimane. Giornalmente la provvidenza ci ha accarrezzato attraverso la generosità dei parrocchiani: cibo, acqua, giochi per i bambini.

***"Questa esperienza ha fortificato fortemente la nostra fede"***

Questa esperienza ha fortificato fortemente la nostra fede insegnandoci a confidare sempre di piu' nel Signore. Ha fatto crescere molto noi e i nostri figli. Ogni incontro di evangelizzazione ci ha arricchito molto piu' di cio' che abbiamo dato.

Un grazie di cuore a tutta la comunità parrocchiale, a fr. Luke e il parroco fr. Roderick per tutto l'amore con cui ci avete accolto e accompagnato.

Vi porteremo sempre nei nostri cuori, cio' che Dio fa, rimane per sempre. Vi aspettiamo in Italia!

*Alessandro e Michela — Stefano e Rosanna*




## Tuition Courses

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

We Offer -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

TelNos - 21660812 – 21472561 - 99458791

**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Ottubru 2017

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **Il-Ħadd** | **Is-26 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| | | Fid-9:15am Quddiesa bit-tberik tal-basktijiet tal-iskola. Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida. |
| 2 | It-Tnejn | Tibda d-Duttrina għat-tfal li se jirċievu l-Ewwel Tqarbina. |
| | | Il-membri tal-Legion of Mary ser jibdew 'home visits' f'xi toroq tal-Parroċċa tagħna. Nilqgħuhom, nitkellmu u nitolbu magħhom. |
| 4 | L-Erbgħa | Fit-8:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Żgħażagħ fis-Sala Sant'Anna. |
| 5 | Il-Ħamis | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Friefet.** |
| 6 | **Il-Ġimgħa** | **Festa tal-MADONNA tar-RUŻARJU**. Fis-6:30pm Quddiesa l-Knisja Parrokkjali, fis-7:00pm Purċissjoni u fit-8:00pm Quddiesa fil-Villa Apap Bologna. |
| 7 | Is-Sibt | Fis-6:00pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof. |
| **8** | **Il-Ħadd** | **Is-27 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| | | Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| | | Fil-5:30pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof. |
| 11 | L-Erbgħa | Fis-7:15pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna. |
| 12 | Il-Ħamis | Fis-7:15pm tiltaqa' l-Kummissjoni Familja fis-Sala Sant'Anna. |
| 13 | Il-Ġimgħa | 100 Sena Fatima: Wara l-quddiesa tas-7:00am Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| | | Fis-7:00pm *Seminar* fis-Sala Sant'Anna għall-GĦARAJJES bi tħejjija mill-qrib għaż-Żwieġ għal dawk li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2018. |
| **15** | **Il-Ħadd** | **It-28 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| | | Fit-8:00pm Quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna. |
| 17 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq iż-Żafran.** |
| 20 | Il-Ġimgħa | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Buttiniera u Triq is-Swejda.** |
| **21** | **Is-Sibt** | **Fl-4:30pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof.** |
| | | Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa fil-5:15pm. Ikun hemm tas-6:30pm u tat-8:00pm. |
| **22** | **Il-Ħadd** | **Id-29 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| | | **Fl-4:00pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof.** |
| 23 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| | | Fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna. |
| 24 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq l-Iskall, Triq ix-Xibka u Triq il-Ħarruba.** |
| | | Fis-6.30pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fis-7.30pm. Inħeġġiġkom sabiex iġġibu magħkom il-Bibbja. |
| 26 | Il-Ħamis | Fis-7:15pm l-Ewwel Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali. |
| 27 | Il-Ġimgħa | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Ġużeppi Spagnol u Triq il-Qrempuċ.** |
| **29** | **Il-Ħadd** | **It-30 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 31 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Gemmugħa.** |
| | | **Flimkien mal-Appostli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha.** |
| | | Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa minn Fr Hayden Williams OFM Cap fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. |